# Xogħlijiet l-Istatwarju u Xenografu Vincenzo Maria Cremona fil-Festa tal-Parroċċa ta' Ħal Għaxaq

Kitba ta' Angelo Schembri

Lejn nofs is-seklu dsatax, il-festi Maltin bdew jieħdu dimensjoni ġdida, hekk kif it-tiżjin u d-dekorazzjonijiet fil-knejjes bdew jinfirxu wkoll fuq barra, fit-toroq. Bdew bid-dwal permezz tat-tazzi taż-żejt u iżjed 'il quddiem bl-aċitilena, komplew bi bnadar, arki trijonfali, pilandri u kolonni. Ma' dan l-armar żdiedu wkoll statwi tal-qaddisin, episodji minn ħajjithom u anġli fost oħrajn. L-istatwarji pijunieri għal din l-iżvolta f'dak iż-żmien kienu Karlu Darmanin, ħuh Giovanni u Vincenzo M. Cremona. Aktar 'il quddiem żdiedu magħhom Wistin Camilleri u Karmnu Mallia. Fortunatament, bosta xogħlijiet ta' dawn l-ewlenin artisti Maltin fil-kartapesta, għadna nistgħu ingawduhom sal-lum u j'Alla jibqgħu kkonservati għal bosta iżjed snin. Dawn l-istatwi antiki jagħtu identità storika lilll-festi Maltin u għalhekk ma jagħmilx sens li jinbidlu sakemm il-ħsara ma tkunx waħda rreparabbli. Semmejt lil Vincenzo M. Cremona, u kif jixhed it-titlu ta' dan l-artiklu, huwa proprju dwaru li ser nikteb għax għandu rabta kbira mal-armar estern tal-Festi Titulari tal-Assunta ġo Ħal Għaxaq.



## Tagħrif Bijografiku

Vincenzo M. Cremona twieled il-Belt Valletta fid-19 ta' Frar, 1851 minn Francesco u Paola Bonello u ġie mgħammed l-għada li twieled fil-Bażilika Dumnikana tal-Madonna tal-Porto Salvo. Vincenzo kien il-ħames wild fost tmien aħwa. Missier Vincenzo kien jaqla' l-għajxien tal-familja billi jipprattika s-sengħa ta' ħajjat. Xi żmien wara l-1856, u għalhekk Vincenzo kien għadu fi tfulitu, l-Familja Cremona mexxiet ir-residenza tagħha mill-Belt għal Tas-Sliema u tul ħajtu kollha huwa għex f'din il-lokalità. Minkejja li t-tagħrif dwar tfulitu u żogħżitu huma skarsi, nafu fiċ-ċert li huwa ntagħżel mill-Gvern ta' Malta sabiex imur jistudja l-arti f'Napli taħt id-direzzjoni artistika tal-Professuri Corazza, Masi u Marchino. Ftit tas-snin biss wara li ġie lura Malta, Vincenzo M. Cremona laħaq xenografu tat-Teatru Rjal ta' pajjiżna. Skont l-istoriku Giovanni Faurè, dan seħħ fis-sena 1873. Xogħlu bħala xenografu kien li jpitter ix-xeni differenti li jintużaw għall-opri li kienu jittellgħu fit-Teatru Rjal. Fis-sengħa tiegħu ta' xenografu, huwa kien ukoll joħloq oġġetti tal-kartapesta għal fuq il-palk stess. Dan wasslu biex introduċa element ġdid għall-Festa Nazzjonali tat-8 ta' Settembru. Bdew jidhru xeni tal-Assedju waqt iċ-ċelebrazzjonijiet. Il-ġurnal Il Portofoglio Maltese jgħid hekk dwar dawn: " ... *bellissimi i quadri plastici rappresentanti l'assedio e la vittoria, diretti dall'artista V. Cremona ...*" Ta' 37 sena. huwa żżewweġ lil Concetta Axisa fis-16 ta' Ottubru 1888 fil-Knisja Parrokkjali ta' Stella Maris f'Tas-Sliema.[1]

## Xogħol Statwarju ta' Cremona

Faċilment nistgħu ngħidu li Vincenzo M. Cremona baqa' magħruf ferm iżjed bħala statwarju milli bħala xenografu. Ix-xogħlijiet ta' arti sagra tiegħu huma mxerrdin prattikament f'kull belt jew raħal Malti. It-teknika tal-ħidma ta' Cremona fil-kartapesta kienet iżjed ta' papier-collè milli papier machè. Dan kien jinvolvi li jitwaħħlu karti bil-kolla fuq xulxin minflok it-teknika li juża Karlu Darmanin ta' gazzetti u kartun imxarrba u

mgħaffġa.[2] Cremona kellu sengħa kif jimmudella statwi kollha ħlewwa, b'qagħdiet drammatiċi u l-kostumi kkuluriti kienu riżultat tal-effett li ħalliet fuqu l-karriera xenografika. Dawn l-istatwi ta' Cremona ntgħoġbu mill-Maltin ta' żmienu għax fuq kollox l-għan tagħhom kien li jipprovdu spettaklu fit-toroq u l-pjazez, filwaqt li jgħallmu lill-poplu dwar il-ħajja tal-qaddisin iċċelebrati. Għandna għal xiex inħossuna xxurtjati li Cremona kellu numru mhux ħażin ta' ammiraturi, li kienu jiddokumentaw l-inawgurazzjoni tax-xogħlijiet ġodda tiegħu permezz ta' ittri jew avviżi fuq il-gazzetti ta' żmienu.[3] Permezz ta' dawn il-kitbiet, ma nibqgħux nispekulaw dwar is-sena li fiha nħadmet it-tali opra, iżda nkunu korretti kif jixraq lill-istorja. Ewlenin fost dawn il-ġurnali nista' nsemmi l-Malta Tagħna u l-Corriere Mercantile Maltese, li flimkien mal-lista ta' xogħlijiet li ġabar l-istoriku Giovanni Faurè, huma l-aqwa sors biex illum nirriċerkaw dwar il-karriera artistika ta' Vincenzo Cremona.



L-istatwi ta' Cremona dokumentati tal-Corriere Mercantile Maltese huma: Malta għal fuq il-bieb ta' Circolo Ceschi f'Tas-Sliema fl-1888,[4] il-Madonna tad-Dulur għall-Parroċċa ta' Stella Maris t'Tas-Sliema fl-1894,[5] u La Disfatta dell'Eresia u Il Trionfo della Vergine għall-istess festa Slimiża fl-1895.[6] Ġurnal ieħor Fede ed Azione jagħti deskrizzjoni dettaljata tal-vara titulari ta' Stella Maris li Cremona ħadem fl-1887[7] u li ġiet mibdula b'xogħol impurtat minn Pariġi erba' snin biss wara! Sfortunatament ħadd ma sar jaf x'sar mill-istatwa ta' Cremona u ma jeżisti ebda ritratt tagħha. Il-ġurnal Malta Tagħna jtina iżjed xogħlijiet ta' Cremona, fosthom: San Ġorġ rebbieħ fuq id-dragun għar-Rabat Għawdex fl-1894,[8] Samt'Agata għal Ħaż-Żebbuġ fl-1895,[9] il-Papiet Piju IX u Ljun XIII għall-festa ta' San Filep f'Ħaż-Żebbuġ fl-1895,[10] Kurċifiss għall-Knisja Maltija ta' Tripli fl-1895,[11] San Duminku għall-Knisja tal-Lunzjata fil-Birgu fl-1895,[12] Malta tagħti ġieh lill-Bambina għan-Naxxar fl-1896, [13] il-Martirju tar-rota ta' Santa Katerina VM fiż-Żurrieq fl-1896[14], San Lawrenz jagħti d-dawl lill-għomja u l-erba' anġli li kienu jintramaw mal-istatwa tal-ġebel tal-Qaddis fil-Birgu fl-1898,[15] Malta u żewġ anġli għall-festa ta' San Ġużepp fir-Rabat fl-1899[16], u Malta oħra għall-Ħamrun fl-1901.[17]

Dawn l-istatwi rrappurtati fil-ġurnali huma ftit ħafna fejn il-volum ta' xogħol qawwi li ħadem Cremona matul il-karriera artistika pjuttost qasir tiegħu. Insemmi lil Sant'Anna, San Ġwakkin u tmien nisa bibbliċi għan-Naxxar, David u diversi anġli għall-Mosta, San Bert jgħammed lis-Sultan Polimju għall-Għargħur, Ġuditta, Rut, Ester, diversi profeti, l-Anġlu tal-Ereżija u l-Papa Ljun XIII għal Ħal Balzan,[18] San Luqa u San Aristarku għall-festa ta' San Pawl il-Belt u erba' Papiet għal dik ta' San Duminku, żewġ Papiet għall-Furjana, il-Martirju u l-Għerusija ta' Santa Katerina VM fiż-Żejtun,[19] l-istatwa tad-Dimostrazzjoni u wħud mill-Filosfi għal Santa Katerina fiż-Żurrieq, erba' virtujiet u numru ta' anġli għall-festa ta' San Ġorġ f'Għawdex, Malta fix-Xagħra, San Ġorġ fuq iż-żiemel, il-ġenituri ta' San Ġorġ, San Franġisk fil-glorja u s-suldati tal-Irxoxt f'Ħal Qormi, San Gejtanu rebbieħ fuq Luteru fil-Ħamrun[20], ir-Re Koelju għal Santa Liena Birkirkara, anġli adoraturi għall-Parroċċa ta' San Pawl u għall-Knisja ta' San Mark fir-Rabat u dik Dumnikana tal-Belt u bosta oħrajn. L-iżjed statwa meqjuma mil-lat devozzjonali, maħduma minn Cremona, hija mingħajr ebda dubju, Santa Rita li tinsab fil-Parroċċa ta' Santu Wistin tal-Belt. Din ix-xbieha, matul is-snin ġibdet u għadha tiġbed eluf ta' devoti lejha. Meta wieħed iqis dan l-ammont ta' statwi kollha li nħadmu f'madwar għoxrin sena, dlonk jasal għall-konklużjoni li Cremona kien tassew ħafif f'xogħlu. Diversi xogħlijiet tiegħu,









mal-pedata tal-istatwa għad issibilhom imwaħħla tabella tal-landa bil-kliem Vinc. M. Cremona Fecit, id-data u anke numru serjali li jixhed f'liema għadd ta' statwi kien wasal biex jaħdem.[21] Hija ħasra li sakemm hu magħruf, ma jeżisti ebda ritratt tal-istatwarju Cremona.[22]




## L-Istatwi ta' Cremona fil-Festa Assunta f'Ħal Għaxaq

Il-Festa tal-Patruna tal-Għaxqin għandha għal xiex tkun kburija li matul iċ-ċelebrazzjonijiet ta' kull sena f'ġieh it-Tlugħ Glorjuż tal-Omm Verġni fis-Sema, tiżżejjen b'diversi opri ta' Vincenzo M. Cremona. Hija ħasra li oħrajn ma ġewx salvati. Prattikament għall-Festa ta' Santa Marija, Cremona ħadem għaxar appostli, l-Istatwa tal-Inkurunazzjoni u Sant'Anna u San Ġwakkin - total ta' 14-il personaġġ ta' qies naturali, minbarra l-anġli żgħar f'riġlejn Kristu jinkuruna lil Ommu. Minn dawn fadal tmien appostli u l-Inkurunazzjoni. Minn sorsi ġurnalistiċi, jidher li l-ewwel kuntatt ta' Cremona f'Ħal Għaxaq, kien l-Appostolat. Avviż fil-ġurnal Malta tal-5 t'Awwissu 1892 jgħid hekk: *"Domenica prossima verso le 5pm avrà luogo nella Chiesa Parrocchiale di Casal Ghaxaq, la benedizione delle due statue, rappresentanti San Giovanni e San Paolo lavoro del nostro egregio concittadino Sig. Vincenzo Cremona, fatte unicamente per la festa di Sta. Maria, titolare di quella parrocchia, merce la cooperazione, non che i grandi impegni del Comitato della Festa. La sera vi sarà banda e illuminazione."*[23] Fi ftit kliem, il-ġurnal javża li l-Ħadd ta' wara fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Għaxaq, kienu ser jiġu mbierka ż-żewġ statwi ta' San Ġwann u San Pawl, maħduma minn Cremona u magħmula biex jintramaw biss għall-festa ta' Santa Marija. Saru bit-tberik tal-Kumitat u l-okkażjoni kienet ser tkompli filgħaxija bil-banda u mixegħla. Hawn jidher li l-ħidma tac-Circolo La Stella twaqqaf fl-1873, kienet qed tibda tagħti l-frott tassew. L-okkażjoni minnha nnifisha bit-tberik tal-istatwi fil-Knisja kienet ukoll xi ħaġa organizzata u mhux tas-soltu f'okkażjonijiet simili. L-istatwa ta' San Ġwann għadha teżisti sal-lum u normalment tintrama quddiem ir-residenza tal-Familja Agius, taż-Żambarett, iżda dik ta' San Pawl, s'issa qatt ma nstema' xejn dwarha u fil-fatt għadha sal-lum mhux parti mill-Appostolat tal-Festa Għaxqija. Avviż ġurnalistiku ieħor, din id-darba fil-ġurnal Malta Tagħna tal-4 t'Awwissu 1894 ntitolat LIL MIN HAKKU, jgħid hekk:


LIL MIN HAKKU

Sur Editur,

Ippermettili ingib fir-rispettabbli u popolari giurnal tighec il "Malta Taghna", daun l' erba versi.

Il Hadd li ghadda, incun ghaddei min Sda. Cattedrale (tas-Sliema) u rait hafna nies mig'bura kuddiem bieb. Missitni il cursità bhalom, u uakaft. Verament chien hemm ghax uihed jekaf. Nara erba Appostli ghal Hal Ghaxiak, li donnom iridu ichelmuc; donnom m' hux tal carta pesta, izda hajjin. Daun huma xoghol il bravu artista, is-sur V.M. Cremona, li tabilhakk jimmeritah cull tifhir.

*"Sur Editur, Ippermettili inġib fir-rispettabbli u popolari giurnal tiħec il-"Malta Tagħna" daun l'erba versi. Il Hadd li għadda, inkun għaddei min Sda. Cattedrale (tas-Sliema) u rait hafna nies migbura kuddiem bieb. Missitni il cursità bhalom u uakaft. Verament chien hemm għax uihed jekaf. Nara erba Appostli għal Hal Għaxiak, li donnom iridu ichelmuk; donnom m'hux tal cartapesta, izda hajjin. Daun huma xogħol il bravu artista, is-sur V.M. Cremona, li tabilhakk jimmeritah cull tifhir."* Dawn iż-żewġ avviżi, li qatt qabel ma ġew ikkwotati, jixhdu li l-Appostli huma xogħol Cremona u issa jagħtu wkoll il-medda ta' snin li matulhom inħadmu.

Il-Pedestall tal-Inkurunazzjoni tal-Madonna, armat f'nofs il-Pjazza, quddiem il-Knisja, żgur li jiġbed l-għajn ta' kull min jattendi għall-Festa ta' Santa Marija. Tista' issejjaħlu monument preġjat minn fuq s'isfel; kemm għax-xogħol statwarju, kemm għad-disinn u t-tifsil tal-pedestall innifsu, l-iskultura fina u l-iskala ta' kuluri venezjani użati. Dwar l-awtur tal-istatwa ta' Kristu jinkuruna lill-Madonna, qatt ma kelli dubju li hija xogħol Cremona. S'issa ma jidher li



nstabet ebda dokumentazzjoni dwarha, iżda l-istatwi minnhom innifishom jixhdu lil min ħalaqhom. L-istatwa tal-Inkurunazzjoni, minkejja li fi ħtieġa kbira ta' restawr turi d-dinamiżmu ta' Vincenzo Cremona fil-pożizzjoni ta' Kristu bil-mantell imtajjar b'mod goff u xebh kbir ma' statwi oħrajn tiegħu kemm fl-uċuh u anke fil-pożizzjonijiet. Din l-istatwa tidher li nħadmet fil-bidu tas-seklu għoxrin, żmien li Cremona kien għaddej fl-aqwa tiegħu minn kummissjoni ta' statwa għall-oħra kif jixhdu l-ġurnali aktar 'il fuq. Fil-ġurnal Il-Poplu Malti tal-1 ta' Settembru 1906, ġiet ippubblikata ittra iffirmata minn Vera Għaxki Patriot fejn jgħid: *"fil-għodua tant sabiha tal vgili tal festa, għas sebgħa intona it-Te Deum sublimi, oh xi gmiel fost il-hleuua tad-dakk tal-kniepel, fost il briju tal isparar tal-mortali, il poplu Għaxki collu ferhan, beda il marċ bil-banda mar-raħal collu b'dauc is-sbieh bandalori, għal x'id disgħa, ġiet imkieda fuq il-pedestall is-sabiħa Statua, tal'Incoronazioni tal Madonna..."*[24] Din l-ittra turi li l-kumpless ta' statwi li jiffurmaw l-Inkurunazzjoni tal-Madonna, kien diġà lest qabel dik il-Festa ta' dik is-sena u anke li din l-istatwa kienet issir dimostrazzjoni biha mat-toroq tar-raħal f'lejliet il-festa filgħodu, akkumpanjata mill-banda u tintemm bit-tlugħ fuq il-pedestall. Ittra oħra li dehret fuq l-istess ġurnal sena wara fid-19 t'Awwissu, 1907, iffirmata minn Veru Patriot tgħid hekk: *"... dis-sena l-poplu Għaxki ferah u chien content uisk billi il brava u qatt mirbuha società ta' Santa Maria għamlet opra famusa li rnexxiet uisk, li hua s-sabieh u modern pedistall, compit minn collox, li jimmeritah uisk tifhir il bravu Surmast Giusè Decelis tal-Birgu, illi taht id-direzzjoni u disinn tiegħu l-bravi artisti patriotti tas-Società ta' Santa Maria hadmu b'esatezza cbira. Li statui hadimhom Mastru Carm Mallia ta' Hal Kormi..."* Hawn issa jidher li f'dik is-sena l-Pedestall tal-Inkurunazzjoni ħareġ lest minn kollox, inklużi l-istatwi tan-nisa bibbliċi ta' Esther, Ġuditta, Rut u Gael, li nħadmu minn Karmnu Mallia l-Lhudi, li kien alliev ta' Darmanin. Mhux magħruf għala dawn l-istatwi tal-erba' nisa tat-Testment l-Antik, flimkien mal-puttini ta' quddiem u ta' wara, ma nħadmux għand Cremona wkoll, iżda jaf għandna spjegazzjoni għal dan ukoll. Fis-seda tal-Għaqda Mużikali Santa Marija, jinsabu kkonservati erba' statwi ta' madwar żeġ piedi tul kull waħda li juru l-erba' partijiet tad-dinja jagħtu qima lill-Madonna fl-Inkurunazzjoni tagħha, kienx il-ħsieb oriġinali tal-istatwarju Cremona jew tal-Kumitat taċ-Circolo La Stella?![26] Il-ħadma tagħhom tagħti indikazzjoni ċara li jistgħu jiġu attribwiti lil Cremona. Dan is-suġġett tal-erba' kontinenti, Cremona kien diġà ħadmu għall-Festa ta' San Paolo. L-erba' kontinenti kienu jiġu rrappreżentati bħala allegoriji ta' erba' nisa li bil-kulur tal-ġilda, bl-ilbies u bit-tiżjin tagħhom, kienu jixhdu l-kultura tal-popli tagħhom. Eżempju ċar ta' dawn għadu jidher fl-istatwa tal-Patroċinju San Ġużepp magħrufa bħala l-Erba' Partijiet tad-Dinja, li tintrama kull sena fil-Pjazza ta' Ħaż-Żebbuġ għall-Festa ta' San Ġużepp fl-aħħar ġimgħa ta' Lulju.[27]



L-istatwarju magħruf Vincenzo M. Cremona miet fid-dar tiegħu nru. 50, Triq Falzon f'Tas-Sliema fis-27 ta' Jannar 1912, fl-età ta' 61 sena

u jinsab midfun fiċ-Ċimiterju tal-Addolorata. Fit-3 ta' Frar 1912, il-ġurnal Malta Tagħna ippubblika dan l-avviż nekroloġiku dwar l-istatwarju: *"Nhar is-Sibt 27 ta' Jannar f'Tas-Sliema, uara marda crudila, miet is-Sur Vincenzo Cremona, magħruf min culhadd bhala uiehed mill-ahiar scenografi u statuari ucoll, li cuasi f cull belt u f cull rahal jinsabu vari u statui minnu magħmula. Cien ragel thuli u ta' manjieri l-ictar helwin u attraenti, u fost collox religius cemm jista jcun."*

Nixtieq nagħlaq dan l-artiklu b'osservazzjoni żgħira. Wieħed għandu jżomm f'moħħu li sa madwar mitt sena ilu, għall-Festa tal-Parroċċa ta' Ħal Għaxaq kienu jintramaw xejn anqas minn sett ta' tnax-il appostlu, il-Pedestall komplut tal-Inkurunazzjoni, Sant'Anna u San Ġwakkin, il-par Arkanġli xogħol Karlu Darmanin fuq iz-zuntier u s-sett ta' sitt nisa bibbliċi li llum jintramaw fi Triq Santa Marija wara l-Knisja u li nħadmu minn Karmnu Mallia. Qed nitkellmu fuq madwar tletin statwa ta' daqs naturali mxerrda fi spazju relattivament żgħir ta' pjazza li twasslek għall-pjazza. Dan kien mhux biss rekord assolut fost il-Festi tal-Assunta li jiġu ċċelebrati f'pajjiżna, iżda kien ipoġġi l-Festa ta' Santa Marija fost il-festi ewlenin fil-qasam tal-armar fi gżiritna. Jiena nawgura li permezz ta' dan l-artiklu, dawk kollha li jammiraw il-festa Għaxqija ta' Santa Marija, jħossuhom iżjed kburin b'dak li wettqu nieshom b'risq il-festa aktar minn mitt sena ilu, u japprezzaw aktar dal-wirt kbir, fosthom l-istatwi imponenti tal-Artist Vincenzo M. Cremona.

**Referenzi:**

[1] Ara Eugene F. Montanaro f'Vincenzo Maria Cremona Xenografu u Statwarju - L-Armar Festa Santa Katerina VM Żejtun 1989 Paġni 11-17.

[2] Informazzjoni komunikata mill-istatwarju Shawn Saliba li studja t-teknika li kien juża Vincenzo M. Cremona.

[3] Fil-parti l-kbira minnhom dawn huma ittri ippubblikati minn ammiraturi, iżda fil-każ tat-tlestija tal-istatwa l-kbira tal-Martirju tar-Rota għall-Festa ta' Santa Katerina VM taż-Żurrieq, l-Editur tal-Malta Tagħna jikteb hekk: *Is-Sur Censu Cremona - Is-Sur Cremona stedinna biex immorru tas-Sliema narau li Statua ta' Santa Caterina li lesta għaz-Zurriek. Jiddispjaċina li ma nistgħux immorru narauha, bhalma konna nixtieku. Izda cull min ra il grupp sabieh li jifforma l-martiriu ta' Santa Caterina, coll hatt ifahhar il capaċità u l-arti li bihom magħmulina dauc il figuri; coll hatt ifahhar l'is-sur Cremona, għal dan ix-xogħol li għamel. U ahna ma l'ohrain natuh il-prosit min kieh kalbna.*

[4] Corriere Mercantile Maltese 26 ta' Ġunju 1888.

[5] Corriere Mercantile Maltese 27 ta' Marzu 1894.

[6] Corriere Mercantile Maltese 27 t'Awwissu 1895.

[7] Fede ed Azione 1 ta' Settembru 1897.

[8] Malta Tagħna 3 ta' Novembru 1894 u 17 ta' Novembru 1894.

[9] Malta Tagħna 16 ta' Frar 1895.

[10] Malta Tagħna 18 ta' Mejju 1895.

[11] Malta Tagħna 12 ta' Ġunju 1895.

[12] Malta Tagħna 14 ta' Settembru 1895.

[13] Malta Tagħna 9 ta' Settembru 1896.

[14] Malta Tagħna 25 ta' Novembru 1896.

[15] Malta Tagħna 20 t'Awwissu 1898. Dawn l-erba' anġli li jissemmew kienu twarrbu biex saru xogħol simili għalihom maħdum mill-Kav. Alfred Camilleri Cauchi fis-snin disgħin. Fortunatament is-sena l-oħra ġew restawrati u qed jintramaw mas-Sepulkru f'Ħamis ix-Xirka.

[16] Malta Tagħna 25 ta' Marzu 1899.

[17] Malta Tagħna 3 t'Awwissu 1901.

[18] Il-Pedestall tal-Papa Ljun XIII kien wieħed kumpless għall-aħħar b'diversi figuri ta' anġli mtjar madwaru, maħduma minn Cremona stess u juru r-rebħa tar-Reliġjonijiet Nisranija. Dawn il-figuri nbidlu għal oħrajn iżjed moderati aktarx maħduma minn Karmnu Mallia l-Lhudi. L-Istatwa tal-Papa Ljun XIII kienet twarrbet, iżda fortunatament is-sena l-oħra ġiet restawrata u reġgħet qed tintrama mill-ġdid fuq pedestall ferm iżgħar. Din l-istatwa nħadmet qrib is-sena 1900, meta d-dinja fakkret id-19-il Ċentinarju mit-twelid ta' Sidna Ġesù Kristu.

[19] L-istatwi tal-Għerusija u tal-Martirju ta' Santa Katerina VM fiż-Żejtun, huma magħrufa bħala ta' b'Għaxra u ta' b'Ħamsa, minħabba l-ammont ta' personaġġi li fihom rispettivament. Ta' b'Għaxra kellha ħafna ħsarat u figuri neqsin u allura nħadmet mill-ġdid mill-Kav. Alfred Camilleri Cauchi fl-2005. Ta' b'Ħamsa għadha tintrama dik oriġinali ta' Cremona u ser tiġi restawrata fil-qrib. Jeżistu tliet minjaturi tagħha ta' madwar pied kull figura u jingħad li dawn kienu ingħataw lit-tliet benefatturi prinċipali tal-Istatwa l-Kbira. Mhux magħruf il-minjaturi nnifishom humiex xogħol Cremona nnifsu wkoll. L-istatwa tal-Martirju nħadmet fl-1895 u swiet 14-il lira, filwaqt li dik oriġinali ta' b'Għaxra nħadmet fl-1896 u tagħha Cremona tħallas 27 lira.

[20] Fil-ġlieda kbira li nqalgħet f'San Gejtanu tal-1987, il-figura ta' Luteru sfat imkissra u minflokha l-marmista Ronnie Pisani ħadem fil-kartapesta ż-żewġ standardi tal-baned Ħamruniżi. Din l-istatwa twarrbet biex inbidlet m'oħra li turi l-Glorja ta' San Gejtanu fis-snin disgħin maħduma mill-Kav. Alfred Camilleri Cauchi. Preżentament qed jissemma li l-istatwa l-antika ta' San Gejtanu rebbieħ fuq l-ereżija ta' Luteru, ser tiġi rrestawrata u tintrama mill-ġdid.

[21] Dawn it-tabelli nstabu fost l-oħrajn mal-istatwi tal-Filosfi li jintramaw għall-Festa ta' Santa Katerina VM fiż-Żurrieq u anke mal-anġli adoraturi li jintramaw f'Ħamis ix-Xirka fis-Sepurklu tal-Knisja Agostinjana ta' San Mark fir-Rabat.

[22] Jingħad li Cremona qiegħed f'ritratt partikolari li ttieħed quddiem l-istudio tiegħu fi Strada Cattedrale f'Tas-Sliema, meta l-Qriema marru għall-istatwa ta' San Ġorġ fuq iż-żiemel. Iżda ħadd qatt ma identifika liema kien Cremona fost l-irġiel li jidhru fir-ritratt.

[23] Ħajr lis-Sur Victor Caruana talli għaddieli din is-silta mill-ġurnal Malta.

[24] Ara Dott. John. A. Agius f'Is-Soufflè tal-Ħelu - Għaqda Mużikali Santa Marija Ħal Għaxaq Festa 2012.

[25] Komunikazzjoni mgħoddija mis-Segretarju tal-Għaqda Mużikali Santa Marija Dott. John Agius fi Frar li għadda.

[26] Fortunatament jeżisti ritratt antik ta' wieħed mill-ewwel kumitati li mexxew lic-Circolo La Stella u f'nofs il-membri jidher qed jinżamm wieħed mill-anġli tal-Istawa tal-Inkurunazzjoni bi stilla f'idu.

[27] Din l-istatwa mponenti ġiet maħduma minn Karmenu Mallia l-Lhudi lejn is-sena 1920, meta tfakkar il-ġublew tad-deheb tal-proklamazzjoni ta' San Ġużepp bħala Patrun tal-Knisja Universali mill-Beatu Papa Piju IX.


Qormi


Rabat Għawdex

Ħal Balzan




Ħamrun

Żurrieq



Qormi



Valletta












# *Xogħlijiet antiki tal-Istatwarju Cremona*

Żejtun

